# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 490/2015/VG**

**Il-Kumitat ghall-Avukati Istitwita ai termini tal-Kapitolu 369 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Vs**

**Dr. Johann DEBONO**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-Kumitat rikorrenti mressqa fil-11 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' disa' mitt euro [€900] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-intimat jigi kkundannat sabiex ihalas is-somma ta' disa mitt ewro (€900) rapprezentanti multa illi l-intimat gie kkundannat sabiex ihallas ai termini ta' decizjoni moghtija mill-Kumitat tal-Avukati fit-13 ta' Jannar 2014 fil-kaz numru 24/13.

Illi minkejja illi l-intimat gie nterpellat sabiex ihallas huwa baqa inadempjenti.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata fit-23 ta' April 2015 ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 kontra l-intimat li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni tieghu".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fil-31 ta' Awwissu, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn wara li t-Tribunal informa lid-difensuri tal-partijiet li l-Gudikatur sedenti kien involut fid-decizjoni moghtija kontra l-intimat fit-13 ta' Jannar, 2014, l-istess difensuri nsistew li t-Tribunal kif kompost xorta wahda jiddeciedi l-kaz in vista tal-fatt illi l-intimat kien sejjer jammetti t-talba.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-intimat mressqa llum stess.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, l-Kumitat rikorrenti talab minghand l-intimat is-somma ta' disa' mitt euro [€900] rapprezentanti multa illi l-intimat gie kkundannat sabiex ihallas ai termini ta' decizjoni moghtija mill-Kumitat rikorrenti fit-13 ta' Jannar 2014 fil-kaz numru 24/13..

Ikkunsidra;

2. In vista ta' l-ammissjoni registrata mill-intimat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-Kumitat ta' l-Avukati huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi, in vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimat, jilqa t-talba tal-Kumitat rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lill-Kumitat rikorrenti s-somma ta' disa mitt euro [€900] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali datata 23 ta' April 2015, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' April, 2015, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**